MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## DOREEN CLARKE

Seduta tad-9 ta' Marzu, 2015

Numru. 1245/2014

**Il-Pulizija**

**(Spettur Carol Fabri)**

**vs**

**Valentina Zanghi**

**Kumpilazzjoni Nru: 1245/2014**

Il-Qorti

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmija Valentina Zanghi ta’ 18-il sena, mwielda Pieta’ nhar is-16 ta’ Settembru, 1996, bint Pasquale u Elizabeth xebba Ancilleri, u residenti 77, Triq l-Assunta, Marsa, detentrici tal-karta tal-identita’ 396396M

Akkuzata talli nhar it-22 ta’ Novembru, 2014 għal ħabta tas-saghtejn ta’ filghodu (2.00hrs) minn stabbiliment gewwa Triq San Gorg, San Giljan, ikkommettiet serq ta’ mobile Samsung liema ammont jeccedi l-€232.94 izda ma jeccedix l-€2,329.37, ghad-detriment ta’ Francesco Palazzo mill-Ħamrun, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur u bil-hin.

Rat l-artikoli 261(c)(f), 267 u 270 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat il-kunsens ta’l-Avukat Generali biex dab il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputata ma kellhiex oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Rat li waqt l-udjenza mizmuma  llum l-imputata ammettiet l-imputazzjoni migjuba kontra taghha u kkonfermat din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtha zmien tikkunsdra l-pozizzjoni taghha.

Rat l-atti processwali.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunisdrat

Illi l-imputat ammettiet l-imputazzjoni migjuba kontra taghha; din ghalhekk hija sodisfacjentement pruvata.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reat li tieghu qed tinstab hatja l-imputata, l-koperazzjoni taghha mal-pulizija, l-ammissjoni f'l-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri, l-eta u l-fedina penali netta ta'l-imputata; hadet in konsiderazzjoni ukoll il-fatt li l-oggett misruq gia gie ritornat lil sidu.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti wara li rat l-artikoli 261(c)(f), 267 u 270 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputata hatja ta'l-imputazzjoni migjuba kontra taghha u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tilliberaha bil-kundizzjoni li ma taghmilx reat irehor fi zmien sitt xhur.

Il-Qorti spjegat fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza u x'jigri jekk tikkommetti reat iehor fi zmien sitt xhur.

## < Sentenza Finali >

-------------------------------TMIEM-------------------------------